**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' April, 2020**

**Mandat Nru: 404/2020 AF**

**Future Platforms Limited (C-77459)**

**Helio Gaming Limited (C-84419)**

**Dr. Angelo Dalli bhala mandatarju specjali ta' Switch it N.V. (socjetà registrata Curacao)**

**u**

**Helio Heroes Limited (C-86323)**

**vs**

**Richard Mifsud f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Beam Consultancy Limited (socjetà registrata Seychelles)**

**u**

**Marc Vella Bonanno**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Future Platforms Limited, Helio Gaming Limited, Dr. Angelo Dalli bhala mandatarju specjali ta’ Switch it N.V. (socjetà registrata Curacao) u Helio Heroes Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, din il-Qorti ntalbet izzomm lil Richard Mifsud f’ismu u ghan-nom ta’ Beam Consultancy Limited kif ukoll lil Marc Vella Bonanno milli kemm direttament u kemm indirettament tramite terzi jew tramite socjetajiet li taghhom huma azzjonisti, diretturi, impjegati jew rapprezentanti, milli jikkomunikaw, jinnegozjaw, jikkonkludu jew jiffirmaw ftehim sabiex jipprovdu jew bi kwalunkwe mod iehor joffru servizzi ta’ kwalunkwe natura lill-klijenti u lill-klijenti prospettivi tas-socjetajiet rikorrenti u/jew lil terzi li maghhom gia sehhet komunikazzjoni da parte tas-socjetajiet rikorrenti jew li l-intimati gew a konoxxenza taghhom waqt li kienu ghadhom impjegati jew konsulenti tas-socjetajiet rikorrenti u/jew li juzaw a beneficcju taghhom jew ta’ terzi jew li jghaddu jew jaghmlu disponibbli lil terzi informazzjoni kunfidenzjali miksuba waqt li l-intimati kienu ghadhom impjegati jew konsulenti tas-socjetajiet rikorrenti, u dan sabiex ma jigux ikkawzati danni ulterjuri lis-socjetajiet rikorrenti bl-agir tal-intimati, jew min minnhom, li agixxew bi ksur tal-obbligi fiducjarji taghhom fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti kif jirrizulta mir-rikors guramentat intavolat kontestwalment fil-konfront tal-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta’ Marc Vella Bonanno.

Rat ir-risposta ta’ Richard Mifsud f’ismu u ghal Beam Consultancy Limited.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li r-rikors kien thalla sabiex jigi degretat in camera.

Il-Qorti tibda billi tenfasizza t-taghlim kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-ezami li ghandha taghmel f'dan l-istadju jibqa' kostrett ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li tkun mghobbija bil-kawza fil-mertu. Huwa ghalhekk illi l-Qorti qeghda minnufih tiskarta d-diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari, li m'ghandhomx lok f'dan l-istadju tal-proceduri (Ara Camenzuli Kerr vs Camenzuli Kerr – 19 ta' Lulju 2018).

Dan premess il-Qorti tikkonsidra illi:

> *"bil-ligi, jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak."* – (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).

Huwa mghallem ukoll illi:

> *"Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor."* – (Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et: PA, 3.7.2003).

Finalment jinghad ukoll illi:

> *"Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa <u>mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali</u> … Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug*

*tal-Mandat."* – (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).

Il-Qorti qieset it-talbiet tar-rikorrenti fl-isfond tal-fuq citat insenjament u ssib illi l-intimat Richard Mifsud, is-socjetà Beam Consultancy Limited kif ukoll Marc Vella Bonanno kienu ngaggati mis-socjetajiet rikorrenti, li huma kollha konnessi, biex jipprovdu diversi servizzi lill-istess socjetajiet. Is-socjetajiet rikorrenti issa qeghdin jallegaw illi l-intimati kissru l-obbligi fiducjarji li tali ingagg gab fuqhom. Is-socjetajiet rikorrenti jsostnu illi b'dan qieghed jigi rekat lilhom danni. Ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti zzommhom milli jkomplu b'dan l-agir. Jidher mad-daqqa t'ghajn, kemm bid-dikjarazzjoni guramentata kif ukoll mid-dokumenti esibiti (kuntratti u komunikazzjonijiet) illi r-rikorrenti tassew igawdu l-jedd pretiz, ghaliex l-intimati tassew kienu minnhom ingaggati, kif ukoll li qieghed jigi rekat dannu, ghaliex tassew sehhew komunikazzjonijiet u ftehim ma' klijenti u klijenti prospettivi minn wara dahar ir-rikorrenti.

l-intimati jsostnu li l-obbligi li r-rikorrenti jsostnu li huma mghobbija bihom l-intimati huma effettivament sproporzjonati u ghalhekk "*in restraint of trade*". Din il-Qorti hija tal-fehma illi sabiex dan jigi accertat ikun jinhtieg ezercizzju fil-mertu li jmur oltre ferm mill-parametri ta' din il-procedura.

Finalment il-Qorti tqis barra minn lokhom f'dawn il-proceduri, it-talbiet kollha kontenuti fir-risposta ta' Marc Vella Bonanno a tenur tal-Art. 836 et seq. Il-Qorti tqishom effettivament intempestivi fl-istadju meta l-mandat kien ghadu biss milqugh provizorjament. It-talbiet tieghu kif kontenuti fir-risposta jibqghu f'dan l-istadju impregudikati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors taghhom tas-27 ta' Marzu 2020.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF